Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA` KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 36 – Il-Ħamis 22 ta' Jannar 2015**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fit-3:00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

## 1.0 Introduzzjoni mis-Sindku

1.1 Is-Sindku ta bidu għal-laqgħa permezz ta' talba.

## 2.0 Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Inqraw il-minuti u ġew ikkonfermati.

## 3.0 Korrispondenza u Komunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Saret referenza gal-laqgħa qasir u bibita li saret fid-29 ta' Diċembru biex tospita delegazzjoni minn Tolfa li ġiet speċifikament biex iżżur Bethlehem f'Għajnsielem. Is-Sindku rrefera għall-onoreffiċenza li l-Kunsill t'Għajnsielem għandu jagħti lill-Alessandro Battilocchio biex jonorah bħala cittadin onorarju. Huwa semma' li ntbgħatet ittra lill-Ministru tal-Affarijiet Barranin biex jiġi approvat uffiċjalment dan l-unur. Huwa semma' wkoll li Alessandro għandu jerġa jkun Għawdex akkumpanjat minn delegazzjoni bejn it-18 u t-22 ta' Frar 2015.

3.2 Saret referenza għal-laqgħa li l-Kunsilli Għawdxin kellhom mal-Onor Stefan Buontempo fejn nieda l-iskema ta' Proġetti Kapitali fejn taħtha l-Kunsilli jistgħu japplikaw għall-fondi għal xi proġett Kapitali. Il-Kunsill qabel li għandu jdaħħal ir-resurfacing ta' Hamri Street biex jikkumplimenta mal-proġett tal-Belveder.

3.3 Is-Sindku rrefera għal-iffirmar tal-Kuntratt tal-Proġett tal-Pjazza tad-Dehra li sar nhar it-Tnejn 19/01/15 fuq il-Measure 313.4 fil-Ministeru tas-Segretarju Parlamentari ta' Ian Borg.

3.4 Saret referenza wkoll għal-laqgħa li s-Sindku flimkien mas-Segretarja kellhom f'Malta rigward il-Monti f'Għajnsielem. Huwa semma' li din il-proposta nlaqgħet tajjeb ħafna mill-Ministeru tal-Ekonomija u qed jgħinuna biex eventwalment noħorġu Expression of Interest għall-bejjiegħa.

3.5 Is-Sindku rrefera għaż-żjara li għamlulu l-istudenti tas-sitt sena tal-iskola primarja, fejn fiha preżentawlu ittra bl-attivitajiet kollha ambjentali li wettqu flimkien mal-għalliema tagħhom matul is-sena. Is-Sindku faħħar l-inizjattivi ta' dawn it-tfal u ħassu mmeraviljat bl-għarfien li għandhom fil-qasam ambjentali u l-apprezzament tiegħu.

3.6 Ġiet trattata l-ittra reminder li ntbagħatet din il-ġimgħa dwar id-devoluzzjoni tax-xelter. Is-Sindku semma' li meta konna ħadna d-devoluzzjoni tal-Għajn, kienu talbuna sabiex nagħmlu survey tax-xelter u dan fil-fatt kien sar f'Settembru 2013. Milli jidher għalkemm dan is-survey kien iilu lest u kien hemm diversi talbiet sabiex dan jintbagħat izda sfortunatament għal xi raġuni dan baqa ma ntbagħtx. Is-Sindku qal li hu kien sab is-survey u bagħtu lid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex jibdew l-proċeduri tad-devoluzzjoni biex b'hekk ix-xelter ikun jista jdur fuq il-Kunsill.

3.7 Saret referenza wkoll għad-devoluzzjoni u l-kuntratt rigward l-użu tal-għassa tal-pulizija fejn kien ġie deċiż mal-Kummissarju tal-Pulizija biex titħallas ċertu kera lil Kunsill.talli qed jagħmlu użu mill-għassa. Is-Sindku semma' li nkitbet ittra lill-Dipartiment tal-Artijiet dwar x'jinħtieg isir . Huwa semma' li wara li taw ir-risposta r-request uffiċjali baqgħet ma ntbagħtitx minkejja li ntabgħtu wkoll reminders fit-22 ta' Novembru 2013. Is-Supretendent ikkuntatja lis-Sindku dwar dan u dan wieġbu li ma kienx jafx li din it-talba uffiċjali baqgħet ma ntbagħtitx. Sar qbil li din it-talba għandha tintbgħat kemm jista jkun malajr. ( Lucienne to send this)

3.8 Ġiet trattata l-ittra mingħand l-Għaqda Piroteknika Għajnsielem li beħsiebhom jorganizzaw attivita' għall-Karnival fejn fiha jagħmlu kunċert bi Freddie Portelli. Huma talbu lill-Kunsill sabiex din l-attivita' ssir flimkien. Il-Kunsill qabel li għandu jħallas parti mill-ispejjes, li ma jaċċedux it-é350 u l-attivita' ssir bil-kollaborazzjoni ta' xulxin.

3.9 Ġiet trattata l-ittra mingħand is-Sur Joe Attard tal-Green MT bi proposta ġdida għal-ġbir tas-separazzjoni tal-iskart. Sar qbil li l-Kunsill għandu jitlob ukoll offerta lill-Green Pak u jerġgħu jiġu diskussi t-tnejn flimkien.

3.10 Is-Sindku rrefera għall-email li rcieva mingħand Nigel Ellul tad-Dipartiment tal-Ilma u tad-Drenaġġ sabiex dan id-Dipartiment ikun jista jagħmel id-drenaġġ fi Triq Patri Cesal u fi triq ġdida li tisbokka fi triq Sant' Antnin. Is-sur

Ellul talab lill-Kunsill sabiex nibgħatulu dettalji tal-kuntattur li ħadem l-aħħar mal-Kunsill. Il-Kunsill kiteb lis-sur Nigel Ellul fejn qallu li l-aħħar kuntrattur li ħadem mal-Kunsill kien Noel/Carmel Grima.

3.11 Saret referenza għas-seminar li sar għall-Ambaxxaturi Vot 16. Sar qbil li meta l-ambaxxatur jagħlaq tmintax-il sena noħorġu avviż għal xi żagħżugħ/a ieħor/oħra.

3.12 Saret referenza għall-ħtieġa ta' ċaqliq ta' bozza fi Triq Cordina biex tiġi shifted xi ftit l-isfel. L-ispiża tal-arblu f'dan ir-rigward hija tal-Kunsill.

3.13 Is-Sindku rrefera għar-reminder li ntbagħtet lid-Dipartiment rigward it-talba li l-Kunsill ressaq taħt l-iskema PPP, dik tal-iffinanzjar tal-floodlights tal-grawnd tal-fubol u għat-tweġiba tagħhom illi t-talba tagħna ġiet approvata mill-Ministeru tal-Kunsilli Lokali u qed jistennew l-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi biex eventwalment inkunu nistgħu niffirmaw il-kuntratt.

3.14 Saret referenza għall-ittra mingħand is-Sur Paul Borda rigward l-attivita' konnessjoni mal-promozzjoni tal-mudell il-ġdid tal-karozza Skoda. Dan talab sabiex żewġ parking spaces jiġu reserved biex titpoġġa din il-karozza għal-wiri. Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

3.15 Is-Sindku rrefera wkoll għall-ittra mingħand l-avukata Georgine Schembri rigward il-kwistjoni tas-siġra f'ta Lourdes. Huwa semma' li fi Frar mistennija x-xhiedha tas-Sindku u tkun l-aħħar seduta qabel tinqata' s-sentenza.

3.16 Saret referenza għall-iskema mnedija mill-Gvern, dik li jitqassmu l-vouchers tal-coeliac scheme mill-Kunsill kull tielet Ħamis tax-xahar. Il-Kunsill qabel li għandu javża lill-pubbliku dwar dan.

3.17 Saret referenza għat-talba li resqet Audrey Testaferrata de Noto ta' Transport Malta in konnessjoni mat-talba li ressaq il-Kunsill sabiex issir Unloading Communial Bay fi Triq l-Imġarr. Hija talbet kemm huma l-ħwienet li ser jibbenifikaw minn din ir-reserved parking bay. Sar qbil li t-tweġiba tagħna għandha tkun li ser jibbenifa supermarket wieħed kbir.

3.18 Saret referenza għall-ittra minn Transport Malta fejn ċaħdu t-talba li ssir temporary zebra crossing fi Triq ix-Xatt in konnessjoni mal-attivita' ta' Bethlehem f'Għajnsielem.

3.19 Saret referenza wkoll għall-approvazzjoni li Transport Malta tat sabiex isiru double yellow lines f'St. Anthony Street. Dawn fil-fatt inżebgħu diġa.

3.20 Saret diskussjoni dwar il-monument tal-football li nbeda din il-ġimgħa mill-ħaddiema tal-Kunsill fuq l-isketch provduta minn Paul Stellini. Saret diskussjoni dwar x'tip ta' dwal ser isirulu u wkoll xi kliem ser jinkiteb fuqu u l-layout tiegħu.

3.21 Saret referenza wkoll għal mappa nformattiva taċ-ċentru tal-Komunita li tindika t-tqassim taċ-Ċentru. Is-Sindku qal li din kienet approvata f'xi laqgħa preċedenti u l-mappa ġiet ordnata flimkien mal-frame u ser tkun tixgħel ukoll Din ser teħel mal-faċċaa tal-Kunsill.

3.22 Is-Sindku rrefera għat-talba li ressqet kopja sabiex nhar il-15 t'Awwissu tiżżewweġ fil-bajja taż-Żewwieqal-barra mil-moll. Huwa semma' li huma jixtiequ li jirriservaw il-bajja għal dik il-ġurnata. Il-Kunsill qabel li peress li l-bajja tiġi frekwentata minn ħafna nies, speċjalment dakinhar li tkun festa pubbika, għandhom jiġu riferuti għand il-Ministeru għal Għawdex sabiex ikun hu li jagħtihom il-permess u wara jiġu l-Kunsill għal permessi oħra neċessarji minn naħa tal-Kunsill u pulizija.

## 4.0 Bethlehem f'Għajnsielem 2014

4.1 Is-Sindku rrefera għal Bethlehem f'Għajnsielem 2014 bħala suċċess minkejja l-kesħa u l-maltemp. Huwa semma' li randikont tad-dħul u ħruġ jingħata wara l-aħħar laqgħa tal-Kumitat Organizzattiv. Huwa semma' li bħala attendenza abbażi tad-dhul tad-donazzjonijiet ma jidhirx li kien hemm daqs is-soltu minħabba l-maltemp. Is-Sindku semma' li bħala spejjes il-Kunsill qagħad ħafna attent u assigura li kull ordni kienet akkumpanjata minn purchase order. Huwa semma' li bħala dħul il-Kunsill ser idaħħal 10,000 mill-iskema tad-Dipartiment, 5000 mill-EcoGozo u 6000 mill-Ministeru għal Għawdex u 150 li tat personalment il-membru parlamentari ewropew Roberta Metsola. L-ammont tad-donazzjoniet skond id-donation boxed ammontaw għal 9,600.

4.2 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għar-riżenja tiegħu minn Projects Manager ta' Bethlehem f'Għajnsielem. Huwa semma' li rriżenja għal fatt li ħass li ma kienx hemm teamwork u mpenn favur il-proġett fosthom nuqqas ta' atturi u rgħajja li ma jilbsux il-konstum u wkoll għal fatt li l-proġett qed jieħu xejra ta' business. Dan l-atteġjament iwaqqa' l-istandards tal-proġett li tant ħdimna għalih u tant stinkajna biex narawh jirnexxi li saħansitra wasal biex anke jissemma' f'media nternazzjonali. Huwa semma' li kellu wkoll is-sodisfazzjonijiet tiegħu speċjalment bis-suċċess tal-attrazzjonijet speċjali li ġew introdotti din is-sena fosthom ix-xmara u d-dgħajsa. Huwa rrefera għal-kaxxa tad-donazzjonijiet li kien hemm max-xmara li kienet għal C.C.F. Is-Sur Ciangura propona li għandha tiġi organizzata ħarġa għal Malta u parti minn din il-ħarġa tkun tikkonsisti fi zjara lil President fejn matulha jiġu preżentati dawn il-flus miġbura. Huwa kkonkluda l-istqarrija tiegħu billi ħass li għandu jirreżenja minħabba nuqqas ta' koperazzjoni u li l-kunċett tal-proġett mhux qed jiġi miftiehem. Is-Sindku Francis Cauchi qabel mal-Viċi Sindku pero qal li jħoss li għandu jkun hemm bidla kbira fi tqassim u bini u forsi anke fuq proġett ta' suġġett differenti jekk is-sena d-dieħla rridu li jizdiedu n-nies.. Huwa rrefera wkoll għall-artiklu li deher fuq il-gazzetta The Sunday Times miktuba minn N. Zammit fejn din issuġġeriet li dan il-villagg għandu jkun ta' attrazzjoni għas-sena kollha għax il-post u l-aktar wieħed idejali. Il-Kunsill qabel li għandu jikkuntatja lil Ministeru għal Għawdex sabiex

minħabba l-periklu, x-xmara titneħħa u niġbru kif nistgħu l-plastic li ntuża. Sar qbil li għandna nirringrazzjaw lil Ministru għal Għawdex tal-għajnuna tiegħu f'dan il-proġett u l-Kunsill wkoll irringrazzja lil kunsillier Peter Caruana talli għogbu jagħmel id-dgħajsa volontarjament.

4.3 Is-Sindku rrefera għal fatt li l-ħaddiem tal-ETC Frankie Saliba qiegħed ta' kuljum imur jagħlef l-annimali li jkun hemm matul is-sena kollha f'Bethlehem f'Ghajnsielem, inkluż is-Sibt u l-Ħadd. Il-Kunsill qabel li sabiex jirrikonoxxi dan il-ġest nobbli tiegħu, għandu jgħaddilu s-somma ta' 50 euro fix-xahar ta' dan l-inkarigu extra mill-ħinijet tax-xogħol tiegħu u li jinvolvi mpenn sħiħ. Sar qbil li f'dawn iċ-ċirkustanzi nitolbu lil Ministeru għal Għawdex u nitolbuh sabiex jekk inhu possibli jdaħħluh taħt xi skema li tinkludi aktar sigħat biex b'hekk ikun b'xi mod kumpensat tax-xogħol żejjed li jagħmel minn qalbu.

## 5.0 Għeluq tal-offerti tal-Proġett EU –Pjazza tad-Dehra u ħatra tal-Bord tal-Evalwazzjoni

5.1 Is-Sindku semma' li peress li l-offerti għall-proġett tal-Pjazza tad-Dehra ser jagħlqu fit-13 ta' Frar 2015, u peress li ma tantx hemm żmien biex jitlesta l-proġett, jinħtieġ li l-offerti jiġu evalwati kemm jista jkun malajr minn Bord ta' nies tekniċi.

5.2 Il-Kunsill qabel li għall-offerti li jirrigwardjaw x-xogħolijiet ta' tħammil u ta' tqegħid ta' madum, il-Bord għandu jkun kompost mill-Perit Shawn Micallef, in-Nutara Ann Marie Mizzi u s-Sur Salvu Bonello filwaqt li għall-offerta tad-dawl il-Bord għandu jkun kompost mill-Inġinier James Grima, n-Nutara Ann Marie Mizzi u l-Perit Shawn Micallef. Kemm il-darba xi ħadd minnhom ma jaċċettax għandna nsibu lil xi ħadd tekniku u midħla tal-Evalwazzjoni ta' proġetti tal-Unjoni Ewropea.

## 6.0 Dati għall-Inawgurazzjoni tal-Proġetti – Għajn tal-Ħasselin, Belveder ta' Triq Ħamri, Monument tal-Footbal

6.1 Is-Sindku rrefera għall-fatt li l-proġetti kapitali li għaddej bihom il-Kunsill bħalissa waslu lkoll biex jintemmu u għalhekk huwa xieraq li nfasslu programm bid-dati tal-inawgurazzjoniijet tagħhom.

6.2 L-ewwel inawgurazzjoni hija dik tal-Għajn tal-Ħasselin. Sar qbil li din għandha tinżamm nhar il-Ħadd 22 ta' Frar 2015 fil-11:00am. Sar qbil li l-programm għandu jkun qasir u jinkludi fost l-oħrajn xi żfin folkloristiku. Sar qbil ukoll li l-Ministru għal Għawdex Anton Refalo għandu jkun hu li jinawgura l-proġett iffinanzjat mill-EkoGhawdex. Sar qbil li l-kaxxa tad-dawl għandha tinkesa bl-injam u li għandha ssir plakka nformattiva b'xi nformazzjoni dwar l-Għajn fl-antik. Sar qbil li t-tberik isir mill-Arċipriet tal-Parroċċa.

6.3 Il-Kunsill qabel li l-inawgurazzjoni tal-proġett tal-Belveder ta' Triq Ħamri għandha ssir nhar il-Ħadd 22 ta' Marzu 2015 fil-11:00am. Sar qbil li l-Kunsill għandu jistieden lil Prim Ministru Joseph Muscat sabiex jinawgura dan il-proġett. Sar qbil ukoll li għal dan il-ftuħ uffiċjali għandna nistiednu lic-CEO tal-MEPA flimkien ma personalitajiet oħra distinti u tipparteċipa l-Banda San Ġuzepp.

6.4 Il-mafkar tar-rebħiet tal-kampjonat tal-Futbol għandu jiġi nawgurat għall-aħħar ta' Marzu jew bidu t'April, f'xi ġurnata li matulha ser ikun hemm xi partita mportanti. Id-data ta' din l-inawgurazzjoni għandha tiġi ffissata fil-laqgħa li jmiss.

## 7.0 Laqgħa tal-Komunita'

7.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Komunita' għandha ssir nhar il-Ħamis 19 ta' Frar 2015 fis-6:00pm fis-sala tal-Kunsill Lokali. Sar qbil li jsir avviż fuq il-gazzetta tal-gvern, jintbagħat avviż f'kull dar u nippublikaw l-avviż online.

## 8.0 Għażla tad-disinn għat-tisqifa taċ-Ċentru Ċiviku

8.1 Il-Perit Shawn Micallef ipprovda sketch tat-tinda taċ-Ċentru tal-Komunita' . Il-Kunsill iddiskuta dawn l-isketches u qabel dwarhom u li jikkumplimentaw mal-istil. Il-Kunsill qabel li għandna nipproċedu billi nitolbu lil Perit jippreparalna Bill of Quantities u specification biex inkunu nistgħu nitolbu stima jew noħorġu tender.

## 9.0 Approvazzjoni tal-Performance Bonus tal-Impjegati

9.1 Is-Sindku ressaq l-performance appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber għall-approvazzjoni. Is-Segretarja rtirat mill-kamra sabiex ikunu jistgħu jiddiskutu liberalment. Meta ssejjħet lura l-Kunsill infurmaha li ddeċieda li jagħtiha l-Performance Bonus massimu ta' 10% u rringrazzjaha tax-xogħol siewi li qed tagħmel u anke ta' għajnuna li tat f' xogholijiet li huma barra mill-inkarigi tagħha. Is-Segretarja minn naħa tagħha rringrazzjat lil Kunsill kollu tal-koperazzjoni u l-għaqda sħiħa li qed issib f'ħidmieta u għal fatt li ħassitha verament milqugħa fil-ħidma tal-Kunsill bħala tim.

9.2 Is-Segretarja ressqet il-Performance Bonus tal-impjegati tal-Kunsill, Sarah Formosa u Joseph Ciantar għall-approvazzjoni. Hi esprimiet kif tħossha verament kuntenta bil-mod kif jaħdmu u għal fatt li kapaċi jilqgħu l-ilmenti u jittrattawhom b'attenzjoni u bil-kalma. Hi semmiet li huma effiċenti ħafna u li jaghtu l-kontribut massimu tagħhom. F'dan ir-rigward hija rrakkomdat li jingħataw il-persentaġġ massimu ta' 6% tal-paga tagħhom. Il-Kunsill qabel ma' dan u approva dan il-Bonus unanimament.

## 10.0 Hruġ ta' offerti

10.1 Il-Kunsill qabel li għandu jerġgħa joħroġ għall-pubbliku l-offerta tal-ġbir tal-iskart, ta' Accountant u tal-cleaner għall-uffiċċju. Sar qbil li l-offerti jinħarġu fuq it-termini ta' qabel.

## 11.0 Risposta għall- Management Letter

11.1 Ġiet diskussa l-Management Letter għall-awditjar li sar minn Jannar sa' Awissu u r-risposti tagħha kif diskussi wkoll bejn is-Segretarja u l-Accountant tal-Kunsill. Il-Kunsill fehem il-kontenut u qabel li għandu jipproċedi fuqhom.

## 12.0 Harġa għall-anzjani

12.1 Is-Sindku rrefera għas-suċċess li kellha l-ħarġa tal-anzjani fil-Milied u għat-talba li qed jagħmlu l-anzjani stess biex nirrepetu xi ħarga simili. Il-Kunsill qabel li għandu jorganizza ħarġa għall-anzjani nhar l-Erbgħa 11 ta' Frar 2015 billi tkun tinkludi f'quddiesa, zjara lill-monti tan-Nadur u ikel u tombla f'xi restorant r-Rabat.

## 13.0 Approvazzjoni tal-Pagamenti

13.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti u ġew approvati

## 14.0 Materji oħra

14.1 Is-Segretarja rreferiet għal fatt li s-Sur Pawlu Saliba, ħaddiem tal-Kunsil taħt l-iskema CIES, ħadem ħafna sigħat żejda fix-xhur ta' Novembru u Diċembru konnessjoni ma' Bethlehem f'Għajnsielem. Il-Kunsill qabel li għandu jħallsu ta' ħamsin siegħa minnhom bir-rata ta' 5 euro s-siegħa u l-kumplament jeħodhom time-off.

14.2 Sar qbil li ghandna nikkuntatjaw lis-sid Mark Grech tal-kumpless ta' appartamenti li bena fi triq iż Żewwieqa rigward il-garanzija li għandu marbuta mal-MEPA biex issir parti minn triq iż-Żewwieqa bit-tarmac. Ġie deċiz li t-talba lis-sur Grech għanda tkun jekk hux lest li jagħmel din it-triq bit-tarmac għas-spejjez tiegħu u fil-kaz il-garanzija tiġi rilaxxjata jew inkella jagħmel it-triq il-Kunsill u l-ispejjez jitħallsu mil-garanzija.

14.3 Is-Segretarja rreferiet għall-opportunita' ta' applikazzjoni ta' Youth Exchange fil-Croatia f'Lulju 2015 li għaliha, jekk tiġi aċċetta din l-applikazzjoni, jistgħu

jattendu żagħżagħ 'il fuq minn tmintax-il sena. Il-Kunsill wera l-interess tiegħu u sar qbil li għandna napplikaw.

14.4 Saret l-għażla tal-mudell tal-bankijiet għall-Belvedere. Wara diskussjoni mal-Perit Alex Bigeni, l-Kunsill għazel l-aktar offerta vantaġjuza bil-mudelli ta' bankijiet B038 u B039 mingħand Anton Zarb għall-prezz €343.59 inkluż il- VAT kull bank u nordnaw żewġ dustbins bil-mudell numru: A-004 (silver) għall-prezz ta' €422.44 inkluż il-VAT. Bħala dustbins ser nitolbu lis-Sur Zarb jipprovdilna kampjun biex inkun nistgħu nagħzlu l-aħjar minnħabba l-qies tiegħu.

14.5 Il-kunsillier Peter Caruana rrefera għat-talba ta' mera fi Triq Zewwieqa biex kemm jista jkun teħel malajr.

14.6 Il-Kunsillier Stephen Mercieca rrefera għall-ħtieġa ta' manutenzjoni fi Triq il-Ġnien fejn kien hemm is-Sydney Heaven qabel.

14.7 Sar qbil li għandna nitolbu sabiex isiru double yellow lines mid-driveway l-isfel tar-residenza Villa Spiteri, Mgarr Road.

14.8 Is-Sindku rrefera għad-diversi tentattivi ta' talbiet sabiex nakkwistaw kopja tal-kuntratt tal-vodafone pero minkejja l-kuntatti u l-ittri li ntbagħtu dawn kull darba qed isibu xi skuża differenti biex joħorġu minnha. Il-Kunsill qabel li dan mhux aċċettabli u sar qbil li għandha tinkiteb ittra legali u li sakemm ikollna r-risposta li nixtiequ, l-kontijiet pendenti li hemm jibqgħu ma jitħallsux. Is-Sindku fakkar li suppost il-kuntartt kien għalaq fit-30 ta' Settembru 2014 u li sa din id-data l-kontijiet kollha tħallsu mill-Kunsill. Hu qal li hu ma jafx għaliex il-Vodaphone qegħda tgħid li l-kuntratt ser jagħlaq fid-9 ta' Jannar 2015 meta suppost li l-kuntratt sar għal fuq perjodu ta' sentejn. Sadanittant is-Segretarja għandha tara kif tista ġġib stima tajba mingħand il-Go għall-mobile tal-Kunsill.

14.9 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għal-Get Together li ta' kull sena tiġi organizzata mid-Diretturi tal-Grand Hotel bħala ringrazzjament għall-involviment f'Bethlehem f'Għajnsielem li din is-sena ser issir nhar il-Ġimgha 30 ta' Jannar 2015. Huwa rrefera li jkun xieraq li nistiednu wkoll lir-rapprezentanti tal-Kunsill Lokali Mellieha. Il-Kunsill qabel ma dan u sar qbil li għandna nistiednu lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw is-sehem tagħhom għal Bethlehem f'Għajnsielem 2014.

**Tmiem il-laqgħa**

Wara li kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Hamis 19 ta' Frar 2015, fit-3.00pm, is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fit-8:00pm

**Francis Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**